

Brussell, 14 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14718/22

ENV 1152
JAI 1459
CRIMORG 159
RELEX 1522
DEVGEN 204
COMER 137
EUROJUST 97
ENFOPOL 554
ENFOCUSTOM 165

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 581 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 581 final.

Mehmuż: COM(2022) 581 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2022
COM(2022) 581 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

{SWD(2022) 354 final} - {SWD(2022) 355 final}

Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Deskrizzjoni tal-isfond

Diċembru 2022 se jkun mument kritiku għall-preservazzjoni tal-bijodiversità globali. Il-firmatarji għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) se jiltaqgħu f' Montreal għall-konklużjoni tal-15-il konferenza tal-partijiet tal-KBD. Fil-laqgħa, il-firmatarji se jfittxu li jsawru l-isforzi globali biex jidentifikaw u jimpenjaw ruħhom għal azzjoni biex titwaqqaf u tiġi kkoreġuta l-qerda kontinwa li qiegħda ssir għall-bijodiversità. Xahar qabel, il-partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) se jiltaqgħu fil-Panama biex jirrieżaminaw il-miżuri biex jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali tal-annimali u tal-pjanti selvaġġi ma jipperikolax is-sopravivenza tal-ispeċijiet.

Il-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi hija parti kruċjali mill-isforzi biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità. Kif enfasizzat mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, l-użu sostenibbli ta' organiżmi selvaġġi huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. L-użu sostenibbli ta' organiżmi selvaġġi jista' jgħin biex titwaqqaf it-tifqigħa ta' pandemiji ġodda, jipprovdi għajxien sostnut għan-nies lokali u indiġeni, u jikkontribwixxi għar-restawr u għaż-żamma tal-bijodiversità. B'kuntrast għal dan, il-kummerċ illegali jew regolat b'mod mhux effettiv fl-ispeċijiet selvaġġi huwa theddida għal dan l-użu sostenibbli¹.

Il-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020, li għandu jiġi adottat fil-15-il konferenza tal-partijiet tal-KBD f'Diċembru, huwa mistenni li jstabbilixxi għanijiet u miri konkreti biex jiżgura li l-ħsad, l-użu u l-kummerċ ta' speċijiet selvaġġi, terrestri, tal-ilma ħelu u tal-baħar ikunu legali u sostenibbli. Dan il-pjan ta' azzjoni aġġornat huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa ta' dan l-impenn mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha.

Il-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi għadu serju u mifrux. Skont ir-Rapport dwar ir-Reati Dinjija marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi tal-2020 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, ma hemm l-ebda pajjiż fid-dinja li mhux affettwat mit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, b'varjetà wiesgħa ta' speċijiet involuti, mis-sallura għall-pangolini għall-injam dagħmi². Globalment, l-għadd ta' qabdiet ta' organiżmi selvaġġi ttraffikati mill-awtoritajiet naqas mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19³, iżda ma hemm l-ebda evidenza li t-traffikar innifsu qed jitrażżan.

Il-kummerċ illegali tal-ispeċijiet huwa xprunatur tat-telf globali tal-bijodiversità⁴. L-isfruttament illegali tal-ispeċijiet jista' jdgħajjef bil-kbir il-popolazzjonijiet selvaġġi, u f'xi każijiet iwassalhom għall-estinzjoni.⁵ L-ispeċijiet li mhumiex immirati b'mod dirett għat-traffikar jistgħu jiġu affettwati wkoll, pereżempju permezz ta' qabda aċċessorja jew eżawriment tal-ħabitats. It-tneħħija illegali ta' speċijiet fundamentali mill-ekosistemi jista' jkollha wkoll effetti kaskata, li jaffettwaw is-servizzi tal-ekosistema, jeqirdu bjar ta' karbonju

¹ IPBES, *Summary for policymakers of the thematic assessment of the sustainable use of wild species of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*, 2022.

² UNODC, *World Wildlife Crime Report*, 2020.

³ TRAFFIC, *An overview of seizures of CITES-listed wildlife in the EU in 2020*, 2022.

⁴ IPBES, *Summary for Policymakers of the Global Assessment Report on Biodiversity and Ecosystem Services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*, is-Segretarjat tal-IPBES, Bonn, il-Germanja, 2019.

⁵ Maxwell, S. et al., Biodiversity: the ravages of guns, nets and bulldozers, *Natura*, 536, pp. 143-145, 2016.

importanti, u jiddisturbaw is-saħħa u l-bilanċ tal-art u tal-ilma⁶. Barra minn hekk, ir-rilaxx ta' speċijiet aljeni ttraffikati fis-selvaġġ fil-pajjiżi destinatari jista' jfixx il-habitats lokali, b'impatti potenzjalment devastanti fuq speċijiet indiġeni.

It-traffikar ta' organiżmi selvaġġi għandu wkoll **impatti soċjoekonomiċi qerrieda ħafna**. Il-kummerċ illegali mifrux ta' annimali selvaġġi jista' jżid ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard zoonotiku (jiġifieri mard li joriġina minn annimali li mbaġħad jinfetta lill-bnedmin), b'riżultati potenzjalment devastanti għas-saħħa pubblika. Il-qerda tal-ekosistemi li tista' tirriżulta mill-kaċċa illegali u t-traffikar ta' spiss **iċċaħħad lill-komunitajiet lokali minn forum legali u sostenibbli ta' introjtu**. Dawn il-forom legali u sostenibbli ta' introjtu jinkludu t-turiżmu bbażat fuq in-natura, il-kaċċa għat-trofej ġestita tajjeb, u l-kummerċ sostenibbli fl-organiżmi selvaġġi. Il-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi ġestit tajjeb jista' jkun ta' benefiċċju attiv għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet, joħloq inċentivi għall-komunitajiet lokali għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-organiżmi selvaġġi fl-ambjent tagħhom, filwaqt li jkollhom għajxien suffiċjenti u sostenibbli. Madankollu, **it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi ekonomikament iħalli qligħ kbir**. L-attraenza tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi — minħabba n-natura b'riskju baxx/benefiċċju għoli tar-reat — thedded serjament is-sikurezza pubblika. Din iddgħajjef l-istat tad-dritt u l-istituzzjonijiet leġittimi. It-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jibbenefika mill-korruzzjoni kif ukoll jikkontribwixxi għalih, u fl-istess waqt jappoġġa aktar attivitajiet kriminali⁷. Hemm evidenza ċara ta' **rabtiet bejn it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, il-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar tal-armi) u t-terroriżmu**⁸.

Rwol ewlieni li għandha l-UE

L-UE tiffunzjona bħala ċentru għat-traffikar globali ta' organiżmi selvaġġi⁹, u għandha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra. Fl-2019, il-**valur** irrapportat **tal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi fl-UE kien minimu ta' EUR 4,7 miljun**, iżda x'aktarx li huwa ħafna akbar¹⁰.

Għalhekk, l-UE tinsab globalment f'pożizzjoni tajba li tmexxi l-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. Ir-regolamenti tal-UE dwar il-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi jagħmluha possibbli li wieħed imur lil hinn mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) fil-protezzjoni ta' speċijiet fil-periklu kontra l-isfruttament mhux sostenibbli. Pereżempju, ir-regoli attwali tal-UE dwar il-kaċċa għat-trofej jespandu l-obbligi tal-permessi għal — u jżidu l-iskrutinju ta' — speċijiet lil hinn minn dawk fl-elenkar l-aktar strett tas-CITES.

L-UE tista' tibni fuq l-esperjenza twila tagħha fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid jibni fuq il-pjan ta' azzjoni preċedenti tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi (2016-2020)¹¹. Mill-evalwazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2016 ħareġ li,

⁶ UNODC, *Global Programme for Combating Wildlife and Forest Crime, Rapport Annwali*, 2021.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, *Study on the interaction between security and wildlife conservation in sub-Saharan Africa: summary report*, il-Kummissjoni Ewropea, 2019.

⁸ UNODC, *Rapport dwar ir-Reati Dinjija marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi*, 2020.

⁹ Europol, *Environmental Crime in the age of Climate Change*, 2022.

¹⁰ TRAFFIC, *Overview of seizures of CITES-listing wildlife in the European Union, January 2019 to December 2019*, 2020.

¹¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi, COM/2016/087 final.

mill-2016, it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi ttella' fl-aġenda bħala kwistjoni ta' prijorità fost firxa wiesgħa ta' fassala tal-politika, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u partijiet ikkonċernati fl-UE u madwar id-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha issa żiedu l-miżuri ta' infurzar, pereżempju permezz ta' investigazzjonijiet transfruntiera mtejba bl-involvement attiv tal-Europol, tal-Eurojust u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Dan irriżulta f'aktar qabdiet u prosekuzzjonijiet, inkluż permezz tal-attivitajiet tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea żiedet l-appoġġ tagħha għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u għan-networks Ewropej ta' prattikanti tal-infurzar u l-kooperazzjoni tagħha magħhom fir-rigward tal-ġlieda kontra r-reati ambjentali. Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Direttiva ġdida tal-UE biex trażżan ir-reati ambjentali.

L-UE mexxiet ukoll azzjonijiet kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi f'fora multilaterali, b'mod partikolari taħt is-CITES. Sabiex twettaq l-impenn tal-UE li tiegħu azzjoni ulterjuri kontra l-kaċċa illegali tal-iljunfanti u t-traffikar tal-avorju globalment, l-UE aġġornat ir-regoli tagħha biex twaqqaf il-biċċa l-kbira tal-forom ta' kummerċ tal-avorju fl-UE.

In-networks diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri ġew mobilizzati wkoll, u involvew ruħhom b'mod attiv fi djalogi bilaterali u reġjonali. Fl-aħħar nett, iżda mhux l-inqas, l-UE ilha mill-2016 tippovdi finanzjament sostanzjali għall-bini tal-kapaċità u għal azzjoni internazzjonali kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, inkluż: (i) għall-appoġġ għall-involvement tal-komunitajiet lokali fil-pajjiżi ta' oriġini tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi; u (ii) għall-provvista ta' għajxien alternattiv b'sorsi alternattivi ta' introjtu lil dawn il-komunitajiet lokali.

Sfidi kontinwi u opportunitajiet ġodda

Minkejja dawn l-isforzi, it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, flimkien mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, għadu jagħmel pressjoni serja fuq l-organiżmi selvaġġi kif ukoll fuq l-għajxien u s-sigurtà tan-nies. Maż-żmien, kien hemm bidliet kemm fir-rotot kummerċjali kif ukoll fl-ispeċijiet ikkummerċjalizzati. Barra minn hekk, l-**użu akbar ta' pjattaformi online għall-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi** u l-**użu relatat ta' servizzi ta' pakketti żgħar** ħolqu sfidi ġodda għall-identifikazzjoni u għall-investigazzjoni ta' dan it-tip ta' reat, u jitolbu soluzzjonijiet ġodda u riżorsi akbar. Iż-żieda fil-qabdiet ta' organiżmi selvaġġi ttraffikati fl-UE mill-2016 ma ssarfitx f'żieda proporzjonali fil-prosekuzzjonijiet u fil-kundanni. In-nuqqas ta' persunal speċjalizzat, ta' riżorsi u ta' taħriġ f'ħafna mill-Istati Membri u f'pajjiżi mhux tal-UE jibqa' problema ewlenija. Hemm ukoll lok għal titjib fil-kooperazzjoni: (i) fi ħdan l-Istati Membri tal-UE; (ii) fost l-Istati Membri tal-UE; (iii) bejn l-UE u l-pajjiżi mhux tal-UE; u (iv) mal-partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili.

Il-pass li jmiss

Dan il-pjan ta' azzjoni rivedut għandu l-għan li jiggwida l-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi fil-perjodu sal-2027. Filwaqt li jibni fuq il-pjan ta' azzjoni tal-2016, għandu l-għan li **jwieġeb għall-isfidi attwali b'mod komprensiv**. Filwaqt li l-enfasi tal-pjan ta' azzjoni huwa fuq it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, dan jagħmel ir-rabtiet meħtieġa mar-Regolamenti tal-UE dwar il-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi u ma' politiki relatati oħrajn.

L-indirizzar tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jeħtieġ approċċ komprensiv u firxa ta' miżuri fl-intersezzjoni tal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi u tal-politika usa' dwar il-konservazzjoni ta' organiżmi selvaġġi, kollox bl-għan li jkun permess li jsir biss kummerċ sostenibbli ta' organiżmi selvaġġi.

Il-pjan ta' azzjoni huwa strutturat madwar erba' prijoritajiet ewlenin, stabbiliti hawn taħt.

Prijorità 1: Il-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tiegħu

Prijorità 2: It-tisħiħ tal-qafas legali u ta' politika dwar it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Prijorità 3: L-infurzar effettiv tar-regolamenti u tal-politiki għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Prijorità 4: It-tisħiħ tas-sħubija globali tal-pajjiżi ta' oriġini, tal-konsumatur u ta' tranżitu kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Kull prijorità għandha diversi objettivi, u għal kull wieħed mill-objettivi, ġew identifikati għadd ta' azzjonijiet. Dawn l-azzjonijiet mhumiex eżawrjenti u jistgħu jiġu kkomplementati minn miżuri addizzjonali. L-objettivi u l-azzjonijiet relatati ġew spjegati fid-dettall fl-Anness.

Permezz ta' dawn il-prijoritajiet, il-pjan ta' azzjoni l-ġdid:

- jiffoka fuq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn diversi aġenziji għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-prosekuzzjoni u għas-sanzjonar b'mod effettiv tar-reati fir-rigward tal-organiżmi selvaġġi¹². Skont il-pjan ta' azzjoni, **il-kooperazzjoni se tissaħħaħ: (i) bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE; u (ii) bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi mhux tal-UE.**
- iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi mhux tal-UE jittrattaw it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi bħala reat serju, **u biex jibnu l-kapaċità u l-ispeċjalizzazzjoni tul il-katina tal-infurzar** bl-għan li jagħmlu is-sanzjonar proporzjonat u dissważiv bħala n-norma.
- **jesplora l-ħtieġa, il-valur miżjud, u l-fattibbiltà ta' inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika ġodda** biex jiġi żgurat li l-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi tibqa' b'saħħitha u proporzjonata biżżejjed għat-theddida kkawżata mit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.
- **jisfrutta l-momentum tal-adozzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali biex isaħħaħ l-azzjoni kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi online.** Il-kummerċ online fl-organiżmi selvaġġi kiber b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, u b'hekk sar aktar faċli għall-kriminali biex joperaw b'riskju aktar baxx u ġewwa suq usa'. Il-prosperità ġenerali fil-kummerċ elettroniku wasslet għal żieda fil-volumi tat-traffiku internazzjonali tal-pakketti f'dawn l-aħħar snin. L-adozzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali se tipprovdi lill-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri b'għodod ġodda biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-kummerċ online, inkluż fl-organiżmi selvaġġi. Il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi, tad-dwana u ta' awtoritajiet rilevanti oħra se jissaħħu. Se tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni mas-settur privat, bħall-kooperazzjoni mwettqa bħala parti mill-Coalition to End Wildlife Trafficking Online¹³ jew is-sħubija f'ROUTES¹⁴. Se jiġu żviluppati għodod ġodda għall-monitoraġġ tal-kummerċ legali

¹² Din il-ħtieġa għal kooperazzjoni u koordinazzjoni tapplika: għall-ġestjoni tas-CITES; għall-awtoritajiet tal-infurzar u għal daww xjentifiċi; għall-aġenti doganali; għall-pulizija; għall-prosekuturi pubbliċi; għall-ġudikatura; għall-awtoritajiet tas-saħħa; għall-awtoritajiet tat-trattament xieraq tal-annimali u għal daww veterinarji; għall-unitajiet tal-intelligence finanzjarja; għall-ministeri tal-affarijiet barranin; u għall-missjonijiet diplomatiċi, fost l-oħrajn.

¹³ Ara Coalition to End Wildlife Trafficking Online.

¹⁴ Ara Welcome to Reducing Opportunities for Unlawful Transport of Endangered Species (routespartnership.org).

fl-organiżmi selvaġġi u għall-kxif u għall-investigazzjoni tar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi. Dawn l-għodod jinkludu **bażijiet tad-data, applikazzjonijiet għall-apparat mobbli, skeners**, eċċ.

- ikompli jitratta t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi bħala kwistjoni globali, filwaqt li jiżgura l-kooperazzjoni u l-koerenza **internazzjonali bejn l-azzjoni kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fl-UE u jappoġġa l-azzjoni kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi globalment**. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE se tissaħħaħ permezz ta' skambji bilaterali, networks reġjonali, networks ta' infurzar, ftehimiet kummerċjali, u programmi multilaterali.
- iżid **it-trasparenza** fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u jippromwovi sħubijiet aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda u organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat fuq in-naħa l-oħra. Il-kontribut tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-settur privat għall-ġlieda kontra r-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi se jiġi rikonoxxut u ffaċilitat, inkluż billi jiġu involuti f'diskussjonijiet ta' politika¹⁵.

¹⁵ Il-punti kollha deskritti f'dan il-paragrafu jiffurmaw ukoll l-oġġettivi ewlenin ta' EMPACT, inizjattiva ta' sigurtà mmexxija mill-Istati Membri tal-UE biex jidentifikaw, jipprijoritizzaw u jindirizzaw it-theddid maħluq minn kriminalità internazzjonali organizzata u serja. EMPACT taħdem f'ċikli ta' erba' snin, u hija pjattaforma ta' kooperazzjoni multidixxiplinari tal-Istati Membri appoġġata mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji kollha tal-UE. Pajjiżi mhux tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab pubbliċi u privati oħra huma assoċjati magħha wkoll.

Riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti

Ma jista' jsir l-ebda progress reali fil-ġlieda kontra r-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi jekk ma jkun hemm l-ebda finanzjament suffiċjenti disponibbli biex jappoġġa l-azzjonijiet ta' akkumpanjament, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-Istati Membri tal-UE. Huwa kruċjali li l-fondi ddedikati għall-monitoraġġ tal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi u għall-indirizzar tar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi jkunu: (i) identifikati minn qabel; (ii) magħmula aċċessibbli għall-atturi ta' implimentazzjoni rilevanti; u (iii) użati bl-aktar mod effettiv u koerenti.

Il-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi għandu jiġi integrat bis-sħiħ fil-fondi rilevanti tal-UE li jindirizzaw: (i) is-sigurtà u l-kriminalità organizzata; (ii) l-ambjent; u (iii) l-kooperazzjoni/is-sħubijiet internazzjonali. B'mod partikolari, għandu jkun prijorità taħt: EMPACT; il-Fond għas-Sigurtà Interna; il-programm LIFE; u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

It-traċċar tal-progress

Sabiex jitkejjel il-progress b'mod regolari, se tiġi stabbilita sistema għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fl-ewwel sena wara l-adozzjoni tal-pjan. Is-sistema se tinkludi mekkaniżmu ta' rapportar ħafif għall-Istati Membri tal-UE u għall-partijiet ikkonċernati, abbażi ta' oqfsa ta' rapportar eżistenti. Se jiġu identifikati għadd ta' indikaturi biex ikejlu, kemm jista' jkun, ir-riżultati miksuba f'termini tal-impatt ġenerali tal-pjan ta' azzjoni fuq il-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi.

Konklużjoni

Il-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jsaħħaħ l-ambizzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni tal-2016, filwaqt li jenfasizza d-dedikazzjoni kontinwa tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. Jekk ikun mgħammar b'riżorsi xierqa, il-pjan ta' azzjoni se jservi bħala pjan dettaljat għal azzjoni u kooperazzjoni ambizzjużi u komprensivi — fl-UE u madwar id-dinja — biex jintemm il-kummerċ illegali fl-organiżmi selvaġġi.

ANNEX – Tabella ta' azzjonijiet (2022-2027)

Prijorità 1 - Il-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi bl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tiegħu

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
1. Titnaqqas id-domanda tal-konsumaturi għall-organiżmi selvaġġi kkummerċjalizzati b' mod illegali	Networks tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri, tal-UE ta' prattikanti u gruppi ta' esperti ¹⁶	<ul style="list-style-type: none"> Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tar-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.4 dwar strateġiji għat-tnaqqis tad-domanda għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' speċijiet elenkati fis-CITES. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> L-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet immirati sew u bbażati fuq ix-xjenza soċjali għat-tnaqqis tad-domanda, immirati b' mod partikolari għat-tibdil fl-imġiba mill-konsumaturi fl-UE. L-appoġġ ta' attivitajiet bħal dawn fi swieq ta' destinazzjoni ewlenin oħrajn. Tingħata prijorità lill-attivitajiet li jindirizzaw id-domanda għal rettili, għal amfibji, għal għasafar, għal frieħ tas-sallura, għall-iljunfanti Afrikani, għar-rinoċeronti, għall-pangolini u għal mediċini/supplimenti miġbura mis-selvaġġ li fihom pjanti selvaġġi maħsuda illegalment. Titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar kif issir distinzjoni bejn il-kummerċ legali u illegali. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> L-implimentazzjoni ta' inizjattivi fil-livelli kollha, fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, li jappoġġaw l-għajxien u l-użu sostenibbli tal-organiżmi selvaġġi u tal-prodotti mill-organiżmi selvaġġi billi tiġi inkoraġġuta u ffaċilitata l-provenjenza legali u sostenibbli tal-prodotti mill-organiżmi selvaġġi. Dan għandu jinkludi l-promozzjoni ta' ktajjen ta' provvista trasparenti u traċċabbli għall-injam ippreparat¹⁷ u għal prodotti oħra ta' organiżmi selvaġġi, u l-infurzar tar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà eżistenti, bħal dawk fis-settur tas-sajd¹⁸. 	Mill-2023

¹⁶ Pereżempju, in-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent, in-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali, il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent, u n-networks reġjonali.

¹⁷ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010, COM/2021/706 final.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006.

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
<p>2. It-tisħiħ tal-involvement tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' għajxien sostenibbli fil-pajjiżi tas-sors</p>	<p>Kummissjoni, Stati Membri</p>	<ul style="list-style-type: none"> L-implimentazzjoni ta' inizjattivi bbażati fuq l-art bħal NaturAfrica, l-inizjattiva ewlenija tal-UE biex tappoġġa l-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-Afrika. NaturAfrica tappoġġa pajsaġġi ewlenin għall-konservazzjoni u għall-iżvilupp. Din se tgħin biex jinħolqu l-impjiegi u biex jittejjbu s-sigurtà u l-għajxien sostenibbli, filwaqt li jiġu ppreservati l-ekosistemi kritiċi u l-organiżmi selvaġġi li huma vitali għal kulħadd. 	<p>Kontinwu</p>
		<ul style="list-style-type: none"> L-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' organiżmi selvaġġi, bil-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni (pereżempju, permezz: (i) ta' approċċi ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali bbażati fil-komunità; (ii) tal-iżgurar ta' proċessi ta' kunsens liberi, minn qabel u infurmati; (iii) ta' mekkaniżmi effettivi ta' lmentar; u (iv) ta' aċċess garantit għall-informazzjoni). 	<p>Kontinwu</p>
		<ul style="list-style-type: none"> Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażaġh fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni ta' organiżmi selvaġġi, u l-iżgurar ta' approċċ li jqis kwistjonijiet ta' ġeneru għall-analiżi u għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi. 	<p>Kontinwu</p>
		<ul style="list-style-type: none"> L-indirizzar tar-rabta bejn l-organiżmi selvaġġi u s-sigurtà billi jiġu appoġġati azzjonijiet f'pajjiżi mhux tal-UE li: (i) jippromwovu l-istabbiltà soċjali u ekonomika; (ii) isaħħu l-istat tad-dritt; u (iii) jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet lokali, is-sħab tal-konservazzjoni, il-komunitajiet lokali, u l-popli indiġeni. 	<p>Kontinwu</p>
<p>3. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni assoċjata mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, li jinvolvu l-pajjiżi tas-sors, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni</p>	<p>Kummissjoni, Stati Membri</p>	<ul style="list-style-type: none"> Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva ta': <ul style="list-style-type: none"> Riżoluzzjoni tas-CITES Conf. 17.6 dwar Il-projbizzjoni, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tiffaċilita l-attivitajiet imwettqa bi ksur tal-Konvenzjoni; u tar- Riżoluzzjoni 75/311 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi, b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha, filwaqt li jitqiesu l-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni Relatata mal-Kummerċ Illegali fl-Organiżmi Selvaġġi u fil- 	<p>Kontinwu</p>

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
		Prodotti tal-Organiżmi Selvaġġi.	
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu ssimplifikati l-miżuri kontra l-korruzzjoni fi programmi li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-atturi rilevanti kontra r-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi, kemm fl-UE kif ukoll barra mill-UE (inkluż fost: uffiċjali tal-portijiet u tal-ajruporti; kumpaniji tat-trasport u intermedjarji finanzjarji/is-settur finanzjarju; awtoritajiet tal-infurzar; u awtoritajiet amministrattivi), f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC). 	Mill-2023
4. Jitqies approċċ “Saħħa Waħda” fil-kuntest tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ ta’ organizzmi selvaġġi fil-pajjiżi tas-sors, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu eżaminati r-riskji tat-tixrid ta’ mard zoonotiku relatat mal-kummerċ ta’ annimali selvaġġi u ta’ prodotti derivati minn annimali selvaġġi bħal-laħam tal-annimali selvaġġi. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> L-implimentazzjoni ta’ miżuri mmirati biex jitnaqqsu dawn ir-riskji tul il-ktajjen tal-provvista, f’konformità mal-erba’ prinċipji gwida tas-Sħubija Kollaborattiva dwar il-Ġestjoni Sostenibbli tal-Organiżmi Selvaġġi¹⁹, inkluż permezz ta’ proġetti bħall-proġett iffinanzjat mill-UE “Safety across Asia for the Global Environment” implimentat mill-UNODC, u l-programm ta’ ġestjoni sostenibbli ta’ organizzmi selvaġġi implimentat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti²⁰. 	Mill-2024

¹⁹ Ara Collaborative Partnership on Sustainable Wildlife Management (fao.org).

²⁰ Ara Sustainable Wildlife Management, Policy Support and Governance Gateway u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, (fao.org).

Prijorità 2 – It-tisħiħ tal-qafas legali u ta’ politika kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
5. L-istabbiliment ta’ qafas għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi fil-livelli nazzjonali u tal-UE	Stati Membri, Kummissjoni	<ul style="list-style-type: none"> • Id-definizzjoni u l-assenjar ta’ responsabbiltajiet ċari għall-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet fil-livelli nazzjonali u tal-UE, u l-iżgurar ta’ koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti (pereżempju: (i) permezz tal-ħolqien ta’ kumitati bejn l-aġenziji jew ta’ memoranda ta’ qbil; (ii) permezz tal-adozzjoni ta’ pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali; jew (iii) permezz tal-ħatra ta’ punt fokali nazzjonali). 	2023
		<ul style="list-style-type: none"> • L-istabbiliment ta’ qafas ta’ rapportar, monitoraġġ u evalwazzjoni għall-pjan ta’ azzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dan il-qafas għandu jallinja mal-obbligi u mal-istrutturi eżistenti tar-rapportar sabiex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali fil-livell tal-UE jew tal-Istati Membri. 	2023/2024
		<ul style="list-style-type: none"> • L-użu ta’ EMPACT bħala strument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi, u l-involvement ta’ koordinaturi nazzjonali tal-EMPACT fl-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni. 	Kontinwu
6. L-iżgurar li l-politika tal-UE u dik nazzjonali dwar il-kummerċ ta’ organiżmi selvaġġi u t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi tkun komprensiva u allinjata mal-impenji internazzjonali, mal-istandards u mal-aħjar evidenza	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> • Appoġġ u ħidma b’mod attiv ma’ istituzzjonijiet u esperti internazzjonali biex iwettqu riċerka u jiżviluppaw/jaġġornaw għodod ta’ gwida u identifikazzjoni (għodod tekniċi inklużi manwali tax-xjenza forenzika u ta’ identifikazzjoni) dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mal-kummerċ ta’ organiżmi selvaġġi. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> • L-introduzzjoni u l-impożizzjoni ta’ sanzjonijiet proporzjonati, effettivi u dissważivi għar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi f’konformità mad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali riveduta (ladarba tiġi adottata) u l-iskambju ta’ informazzjoni u prattiki tajbin biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni ta’ dawn is-sanzjonijiet. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> • L-implimentazzjoni ta’ linji gwida aġġornati tal-UE dwar il-kummerċ tal-avorju u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tagħhom. 	Kontinwu

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
		<ul style="list-style-type: none"> L-applikazzjoni ta' skrutinju akbar għall-importazzjonijiet ta' trofej tal-kaċċa (pereżempju billi: (i) tiġi esplorata l-estensjoni tar-rekwiżit għal permess tal-importazzjoni għat-trofej tal-kaċċa ta' speċijiet addizzjonali koperti mill-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97; (ii) issir ħidma mas-sħab internazzjonali biex tiġi aġġornata l-evidenza disponibbli dwar l-impatti tal-kaċċa għat-trofej fuq l-organiżmi selvaġġi; u (iii) jitfasslu opinjonijiet iktar trasparenti tal-Grupp ta' Rieżami Xjentifiku dwar il-kombinazzjonijiet ta' speċijiet u ta' pajjiżi għall-importazzjoni ta' trofej tal-kaċċa). 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu esplorati l-ħtieġa, il-valur miżjud u l-fattibbiltà tar-reviżjoni tal-miżuri eżistenti jew tal-ħolqien ta' għodod ġodda biex jitnaqqas il-kummerċ mhux sostenibbli fl-organiżmi selvaġġi (eż. "lista pożittiva" ta' speċijiet li l-eżemplari tagħhom meħuda mill-ambjent naturali jistgħu jiġu kkummerċjalizzati u jinżammu bħala annimali domestiċi; il-kriminalizzazzjoni tal-kummerċ kollu ta' organiżmi selvaġġi miksubin illegalment; jew il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni tal-annimali u tal-pjanti kollha miġjuba fl-UE). 	Mill-2023
7. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' azzjoni kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi fil-livelli tal-UE u f'dawk nazzjonali	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Isiru laqgħat regolari mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli nazzjonali u tal-UE, inkluż ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji rilevanti; is-soċjetà ċivili; is-settur privat; id-dinja akkademika; u l-gvernijiet nazzjonali. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu organizzati sessjonijiet tematiċi tal-Grupp ta' Infurzar tal-UE b'Rabta mal-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi bil-parteċipazzjoni ta' gruppi rilevanti tas-soċjetà ċivili, negozji, u d-dinja akkademika. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi appoġġata l-organizzazzjoni ta' jiem ta' azzjoni multidixxiplinari tal-EMPACT bħala parti minn EMPACT. 	Kontinwu
8. L-involviment mas-setturi tan-negozju involuti fil-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu organizzati sessjonijiet tal-Grupp ta' Infurzar tal-UE b'Rabta mal-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi ma' rappreżentanti tan-negozju rilevanti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi (eż. il-mediċina tradizzjonali, l-annimali domestiċi eżotiċi/miġbura mis-selvaġġ, l-industrija tal-lussu, it- 	Mill-2023

Objettivi	Atturi	Azzjonijiet	Żmien indikattiv
		turiżmu tal-kaċċa, l-injam ippreparat, l-industrija tas-sajd u tal-kummerċ tal-prodotti tal-ħut, it-trasport, il-kumpaniji tal-kurriera, u l-kummerċ online).	
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet maniġerjali tas-CITES u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni u l-infurzar tar-regoli stabbiliti skont id-Direttiva proposta dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva²¹. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu żviluppata linji gwida dwar kif il-kumpaniji għandhom jissodisfaw l-obbligu tagħhom ta' diliġenza dovuta skont id-Direttiva proposta dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva fir-rigward tal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi. 	2024

Prijorità 3 – L-infurzar effettiv tar-regolamenti u l-politiki għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
9. Isir tiġib fir-rata ta' detezzjoni ta' attivitajiet illegali fl-UE, u jiġu indirizzati r-riskji ta' prijorità	Stati Membri, Kummissjoni, Europol	<ul style="list-style-type: none"> Jiġi żgurati li l-proċess tal-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tat-theddid mill-kriminalità serja u organizzata (SOCTAs) jinkludi wkoll valutazzjoni tat-theddida tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, abbażi tad-<i>data</i> u — fejn possibbli — valutazzjonijiet tat-theddid nazzjonali pprovduti mill-Istati Membri. Tiġi ssimplifikata d-<i>data</i> dwar il-kummerċ illegali. 	2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu diskussi regolarment ir-riskji ta' prijorità (u l-miżuri biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji) fil-Grupp ta' Infurzar tal-UE b'Rabta mal-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi. 	Kontinwu

²¹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM/2022/71 final.

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu żviluppata u użati għodod u metodi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jiġu identifikati attivitajiet illegali ta' organizzmi selvaġġi, pereżempju inklużi applikazzjonijiet għall-apparat mobbli għall-persunal tal-ewwel linja. Rapport dwar l-aħjar prattiki fil-Grupp ta' Infurzar. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi implimentata sistema tal-UE għall-permessi elettroniċi tas-CITES biex: (i) jiġi ffaċilitat il-kummerċ legali; (ii) tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-<i>data</i>; (iii) tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' permessi foloz; u (iv) il-pajjiżi mhux tal-UE jiġu mħeġġin jiżviluppaw sistemi kompatibbli. 	2023/2024
		<ul style="list-style-type: none"> Il-konnessjoni tas-sistema tal-UE għall-ħruġ ta' permessi elettroniċi mas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana (CSW-CERTEX TAL-UE) (il-modulu ċentrali tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana) biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli tal-permessi elettroniċi tas-CITES tal-UE mill-awtoritajiet doganali tal-UE, u b'hekk jittejjeb l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tas-CITES fil-fruntieri. 	2024
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi kkunsidrata l-espansjoni tal-obbligu ta' mmarrar għall-ispeċijiet ħajjin koperti mill-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97. 	2024
10. Jiġi żgurati li l-infurzar tal-liġi (inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kriminali u l-qrati) ikollhom l-għarfien espert settorjali meħtieġ biex jindirizzaw it-traffikar ta' organizzmi selvaġġi	Kummissjoni, Stati Membri, Europol, CEPOL, Eurojust, EJTN, ERA	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ transprofessjonali u transfruntiera għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-imħallfin kriminali fejn xieraq, inkluż taħriġ immirat dwar: (i) kif tittejjeb il-kwalità tal-investigazzjoni fil-flussi finanzjarji; (ii) kif għandu jiġi mmirat it-traffikar online ta' organizzmi selvaġġi; u (iii) kif isir użu aħjar mill-metodi forensiċi moderni. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġi integrat it-taħriġ dwar ir-reati marbuta mal-organizzmi selvaġġi fil-kurrikuli nazzjonali tal-akkademji tat-taħriġ/l-iskejjel rilevanti. 	2025
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi kondiviża d-<i>data</i>, jiġu kondiviżi l-materjali tat-taħriġ u l-ġurisprudenza bejn l-Istati Membri, bl-użu ta' għodod bħall-bażi tad-<i>data</i> tal-ġurisprudenza tan-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent tal-Unjoni Ewropea, l- 	Kontinwu

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
		Iskambju ta' Informazzjoni dwar il-Kummerċ tal-Organiżmi Selvaġġi tal-UE (TWIX), eċċ.	
		<ul style="list-style-type: none"> • Issir kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u n-networks rilevanti, u jsir kontribut għal proġetti li jaħdmu fuq l-indirizzar u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali²². 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> • Jiġi promoss u appoġġat it-taħriġ bejn il-pari. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> • Jiġu mħeġġa u appoġġati: (i) l-ispeċjalizzazzjoni tal-korpi tal-infurzar tal-liġi, tal-korpi ġudizzjarji u ta' awtoritajiet kompetenti oħra fil-livell nazzjonali; u (ii) il-ġbir tar-riżorsi, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' unitajiet iddedikati għall-infurzar ta' organiżmi selvaġġi fl-aġenziji rilevanti kollha tal-infurzar tal-liġi. 	Mill-2023/2024
		<ul style="list-style-type: none"> • l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jiġu mħeġġin biex jappoġġaw u jinvolvu ruħhom fi proċedimenti kriminali mmexxija mill-pulizija/mill-prosekuturi u jipprovdu l-għarfien espert tagħhom. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> • Jiġi promoss l-aċċess pubbliku online għad-dokumenti tal-ġurisprudenza u tal-qorti u r-reklamar ta' każijiet ta' profil għoli (b'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza) bl-għanijiet doppji tad-dissważjoni tal-azzjonijiet kriminali u tal-promozzjoni tal-aħjar prattiki fl-infurzar. 	Mill-2024
11. Jittejbu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u l-flussi tad-data fi ħdan u bejn l-	Kummissjoni, Stati Membri, Aġenziji	<ul style="list-style-type: none"> • Jiġu stabbiliti kanali ta' komunikazzjoni fi ħdan l-Istati Membri bejn: (i) l-awtoritajiet nazzjonali settorjali/amministrattivi; (ii) l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi; u (iii) d-dwana. 	2024

²² Jiġu inklużi l-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent, in-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent, in-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali, in-Network kontra l-Kriminalità Ambjentali (EnviCrimeNet), u l-proġett tal-Prosekuzzjoni b'Suċċess tar-Reati Marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi fl-Ewropa.

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
Istati Membri	tal-UE	<ul style="list-style-type: none"> Jiġi żgurati approċċ komuni għall-ġbir u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni operazzjonali komparabbli, akkurata u sħiħa dwar ir-reati marbuta mal-organizzazzjoni selvaġġi. Tiġi żgurata, kemm jista' jkun, koerenza mal-ġbir tad-<i>data</i> statistika dwar il-proċedimenti ta' reati ambjentali (inkluż ir-reati marbuta mal-organizzazzjoni selvaġġi) mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (pulizija, prosekuturi). 	2024
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi kondiviża b' mod sistematiku informazzjoni operazzjonali u strateġika dwar ir-reati marbuta mal-organizzazzjoni selvaġġi mal-Europol permezz tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) biex jiġi żgurati li d-<i>data</i> kollha meħtieġa tirrappreżenta stampa realistika tal-livell ta' theddida kkawżat mir-reat ambjentali: (i) tkun disponibbli għall-Europol; u (ii) tikkontribwixxi għall-Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Fil-livell nazzjonali, jinħarġu formoli ta' informazzjoni dwar ir-riskji li għandhom jiġu kondiviżi permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali tal-UE għall-komoditajiet ta' organizzazzjoni selvaġġi biex jittejjeb it-tfassil tal-profil tar-riskji għall-kontrolli doganali/l-iskambju ta' informazzjoni mal-uffiċjali tal-infurzar tal-ewwel linja tal-UE. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva u kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-CITES rilevanti, l-unitajiet nazzjonali tal-Europol, il-Eurojust, l-OLAF u l-Grupp ta' Ħidma tal-Interpol dwar ir-Reati marbuta mal-Organizzazzjoni Selvaġġi. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu stabbiliti kollaborazzjoni u kondiviżjoni regolari u strutturati tal-informazzjoni bejn il-Grupp ta' Infurzar tal-UE għall-Kummerċ ta' Organizzazzjoni Selvaġġi u l-atturi rilevanti skont EMPACT. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Jitwettqu operazzjonijiet konġunti regolari li jinvolvu l-kooperazzjoni transfruntiera mill-Istati Membri tal-UE, mill-Kummissjoni Ewropea (OLAF), u minn aġenziji rilevanti tal-UE bħall-Eurojust, il-Frontex, il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd. Dawn l-operazzjonijiet jistgħu jkunu wkoll parti mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT. 	Kontinwu

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
		<ul style="list-style-type: none"> Jintalab b'mod sistematiku appoġġ operazzjonali/ġudizzjarju tal-Europol/Eurojust dwar każijiet relatati ma' kriminalità serja u organizzata relatata mal-organiżmi selvaġġi. 	Kontinwu
12. Jiġu indirizzati b'mod sistematiku r-rabtiet bejn it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari permezz ta' azzjoni msaħħa biex jiġu mmirati l-flussi finanzjarji illeċiti	Kummissjoni, Stati Membri, Europol, Eurojust	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu appoġġati l-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li: (i) iżarmaw l-istrutturi kriminali organizzati involuti fit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi; u (ii) jinvestigaw il-flussi finanzjarji fil-kuntest tar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi. Dan l-appoġġ għandu jinkludi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni dwar it-tipi u r-riskji ta' reati²³. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> F'konformità mal-istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata 2021-2025, jitnedew b'mod sistematiku investigazzjonijiet finanzjarji f'investigazzjonijiet dwar il-kriminalità organizzata u, hekk kif l-ambjent finanzjarju jindika l-preżenza ta' assi kriminali, jitnedew b'mod sistematiku investigazzjonijiet u proċeduri ta' rkupru tal-assi. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Tkompli tiżdied il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flussi finanzjarji li jirriżultaw mit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi billi tiġi appoġġata u riveduta l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus mil-liġi kriminali. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Titqajjem kuxjenza dwar kif id-Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi²⁴ (wara l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tagħha) u d-Direttiva (UE) 2019/1153 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali²⁵ jistgħu jintużaw biex jiġi miġġieled it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. 	Mill-2023/2024

²³ Eż. bl-użu ta' għodod bħas-Sett ta' Għodda Finanzjarja għall-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi, <https://themisservices.co.uk/iwt>.

²⁴ Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM/2020/825 final.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, PE/64/2019/REV/1.

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
		<ul style="list-style-type: none"> Tiżdied il-konfiska sistematika tar-rikavat mit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi f'każijiet kriminali, u titqajjem kuxjenza fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-għodod ta' konfiska disponibbli bħala miżura dissważiva. Jiġi inkoraġġut l-użu tal-assi kkonfiskati biex jikkontribwixxu għall-miżuri ta' konservazzjoni u għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. 	Mill-2023
13. Jiżdied l-isforz fl-indirizzar tal-aspetti online tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-ħidma ma' pjattaformi online	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-Riżoluzzjoni tas-CITES Conf. 11.3, il-paragrafi 12 u 13, dwar ir-reati marbuta mal-organiżmi b'rabta mal-internet. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-infurzar tas-CITES u l-koordinaturi tas-servizzi diġitali skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali²⁶, inkluż billi jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti biex jiġu segwiti l-attivitajiet illegali skoperti (eż. billi jiġu stabbiliti task forces tal-internet biex jappoġġaw l-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-infurzar tas-CITES). 	Mill-2022
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi żgurata koordinazzjoni bejn il-gruppi ta' esperti tas-CITES u l-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali. 	Mill-2024
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu żviluppata linji gwida speċifiċi għall-UE dwar il-kummerċ online ta' speċijiet selvaġġi, f'konformità mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. 	2025
14. Jittejjeb l-aċċess għall-kura għal annimali jew pjanti ħajjin maqbuda jew ikkonfiskati	Stati Membri, Kummissjoni	<ul style="list-style-type: none"> Jiġu segwiti l-linji gwida tas-CITES għar-rimi ta' annimali ħajjin ikkonfiskati, kif hemm fir-Riżoluzzjoni tas-CITES Conf. 17.8 dwar ir-rimi ta' eżemplari kkummerċjalizzati u kkonfiskati illegalment tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES, filwaqt li jiġi żgurat li l-għażliet kollha għar-rimi/għall-kura jiġu kkunsidrati b'mod adegwat u li d-deċiżjonijiet finali jkunu ġġustifikati sew. 	Mill-2023

²⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM/2020/825 final.

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet)	Żmien indikattiv
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu estiżi n-networks ta' ċentri ta' salvataġġ speċjalizzati fil-livell nazzjonali, u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar iċ-ċentri fil-livell tal-UE. 	2025
		<ul style="list-style-type: none"> Tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti biex jitnaqqas id-dewmien bla bżonn fl-investigazzjoni u fil-litigazzjoni sabiex tiġi mminimizzata aktar ħsara lill-eżemplar traffikat. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Jiżdiedu l-isforzi, fejn xieraq, biex b'mod effettiv jergġu jiġu introdotti eżemplari ħajjin maqbudin fis-selvaġġ. 	Kontinwu

Prijorità 4 – It-tisħiħ tas-sħubija globali tal-pajjiżi ta’ oriġini, tal-konsumatur u ta’ tranżitu kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet) ewlenija/ewlenin	Żmien indikattiv
15. Jiżdied il-profil tal-ġlieda kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi globalment	Kummissjoni, HRVP, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Jiġi inkluż b’mod regolari t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi fl-aġenda ta’ laqgħat bilaterali u multilaterali ta’ livell għoli. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Jitkompla d-djalogu mal-pajjiżi u r-reġjuni prijoritarji fil-livell tekniku u politiku, inkluż bħala parti mill-governanza tal-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali u s-sħubijiet tal-foresti. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġi żgurat li t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi jiġi ttrattat bħala reat serju, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata 2021-2025, filwaqt li tiġi promossa l-adozzjoni ta’ protokoll li jkopri t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali. 	Mill-2023
16. Jiġi żgurat li l-politiki u l-istrumenti kummerċjali tal-UE jappoġġaw azzjoni kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi	Kummissjoni, Stati Membri	<ul style="list-style-type: none"> Jiġi inkluż it-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi fuq l-aġenda ta’: (i) djalogi kummerċjali ma’ sħab ewlenin; u (ii) l-Kumitat tad-WTO għall-Kummerċ u l-Ambjent. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu proposti impenji ambizzjużi għall-ġlieda kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi fi ftehimiet futuri ta’ kummerċ ħieles, inkluż fl-appoġġ kontinwu tal-UE għat-tisħiħ taż-Żona ta’ Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana. 	Kontinwu
17. Tissaħħaħ il-kapaċità ta’ pajjiżi ewlenin tas-sors, tat-tranżitu u tas-suq barra mill-UE biex jiġġieldu t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi u biex tittejjeb il-kooperazzjoni dwar l-	Kummissjoni, Stati Membri, Europol	<ul style="list-style-type: none"> L-aġenti tal-UE għall-infurzar ta’ organiżmi selvaġġi jiġu mħarrġa dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-istrumenti disponibbli għal dan l-iskop. 	Mill-2023
		<ul style="list-style-type: none"> Tinbena l-kapaċità u jiġi pprovdut taħriġ xjentifiku u tekniku lill-aġenziji tal-infurzar, lill-prosekuturi u lill-ġudikatura rilevanti f’pajjiżi ewlenin mhux tal-UE affettwati mill-kummerċ illegali ta’ organiżmi selvaġġi, inkluż l-aġġornament ta’ oqfsa legali nazzjonali biex tkun tista’ ssir kollaborazzjoni investigattiva transfruntiera u kollaborazzjoni bejn il-ġudikaturi nazzjonali. 	Kontinwu

Objettivi	Atturi	Azzjoni(jiet) ewlenija/ewlenin	Żmien indikattiv
infurzar bejn l-Istati Membri, l-atturi tal-infurzar tal-UE u l-pajjiżi ewlenin mhux tal-UE		<ul style="list-style-type: none"> Jiġu inkoraġġuti kuntatti bilaterali, taħriġ bejn il-pari u skambji. Jiġu appoġġati networks reġjonali informali u formali barra mill-Ewropa bħan-network Jaguar fl-Amerika Latina jew in-networks TWIX fl-Afrika²⁷, u tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni tagħhom mal-kontropartijiet Ewropej. 	Kontinwu
		<ul style="list-style-type: none"> L-involviment u l-appoġġ tal-ħidma: (i) man-networks globali rilevanti, bħall-Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra r-Reati marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi (ICCWC²⁸) u n-Network Internazzjonali għall-Konformità mar-Regoli Ambjentali u għall-Infurzar tagħhom (INECE); u (ii) mal-organizzazzjonijiet u n-networks tas-soċjetà ċivili, bħall-Coalition to End Wildlife Trafficking Online. 	Kontinwu

²⁷ Eż. AFRICA-TWIX.

²⁸ Dan jinkludi lill-Interpol, lis-Segretarjat tas-CITES, lill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, lill-UNODC u lill-Bank Dinji.